SAN LAWRENZ

Il-Minuti tat-tmien laqgħa tas-Seba' Leġislatura tal-Kunsill Lokali San Lawrenz li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar il-Ħamis, 5 ta' Novembru, 2015 fis-2.30 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

***Sindku:*** Is-Sur Noel Formosa
***Viċi-Sindku:*** Is-Sur Anthony Formosa
***Kunsilliera:*** Is-Sur Franco Buhagiar
Is-Sinjorina Carmela Grima
Is-Sur Joseph Michael Cauchi

***Aġent Segretarju Eżekuttiv:*** Is-Sinjura Josephine Sultana

L-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ, is-Sinjorina Reneè Formosa kienet skużata.

**1.0 Talba**

Il-laqgħa ġiet immexxija mis-Sindku, is-Sur Noel Formosa u nbdiet b'talba.

**2.0 Approvazzjoni tal-Minuti tal-aħħar laqgħa**

2.1 Il-Minuti tas-seba' laqgħa tal-Kunsill ttieħdu bħala li nqraw peress li kienu mibgħuta minn qabel permezz ta' *e-mail*. Wara li saret korrezzjoni żgħira, il-minuti ġew approvati unanimament mill-membri kollha preżenti u għalhekk ġew iffirmati mis-Sindku u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

***Matters Arising mill-minuti ta' l-aħħar laqgħa:***

2.2 (2.2) Dwar l-*open skips*, is-Sindku, is-Sur Noel Formosa qal li meta kien hemm l-ikla tal-anzjani, nhar is-Sibt 3 ta' Ottubru, 2015, l-*open skip* inġabar qabel l-10.30 am u kien aktar minn nofsu vojt. Dan ikkonfermawh ukoll il-kunsilliera peress li l-membri tal-Kunsill kienu kollha flimkien għal din l-attivita' soċjali. Sar qbil li tinħareġ *default notice* peress li nġibdet l-attenzjoni dwar dawn in-nuqqasijiet kemm mis-Sindku kif ukoll mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

2.3 (2.3) Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa qal dwar il-proġett Pre Virtwali saret il-votazzjoni mill-pubbliku. Ir-riżultat finali se joħroġ għal nofs Novembru. Imbagħad issir għażla ta' liema proġett ser isir l-ewwel. Is-Sur Formosa qal li huwa nfurmat li tista' tingħata priorita' lil min għandu għan jew skop li l-proġett tiegħu jsir minn tal-ewwel. Huwa qal li jekk jintagħżel il-proġett Pre Virtwali nistgħu nagħmlu talba biex isir minn tal-bidu peress li trid issir l-inawgurazzjoni tal-Pjazza u hekk ikun xieraq li dan il-proġett ikun parti minn din l-inawgurazzjoni.

2.4 (2.4) Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa, qal li l-grupp li sejjer Colle Umberto se jkun iffurmat minn 71 persuna. Kull min se jagħmel parti minn dan il-grupp ser iħallas €120 tal-vjaġġ u €340 tal-*lodging*. Sar qbil li għal kull Kunsillier li ser

jipparteċipa, il-Kunsill iħallas €130. L-istess ammont ta' flus se titħallas lill-kunsillier mill-Assoċjazzjoni tal-ġemellaġġ. Għalhekk kull Kunsillier ser iħallas is-somma totali ta' €200. Peress li l-Kunsillier is-Sur Joseph Michael Cauchi se jkun l-uniku kunsillier li mhux ser jagħmel parti minn din id-delegazzjoni, il-Kunsill qabel li l-istess ammont ta' flus jeħodhom meta jkun hemm okkażjoni oħra simili u jkun jista' jattendi.

Is-Sur Noel Formosa nforma lill-Kunsill li parti mill-grupp se jitlaq ġurnata qabel, jiġifieri nhar il-Ħamis, 3 ta' Diċembru, peress li kieku telqu l-Ġimgħa, l-prezz tat-titjira kien se jogħla ħafna.

2.5 (2.6) Rigward il-manutenzjoni tal-ġnien Colle Umberto, is-Sindku, is-Sur Noel Formosa qal li l-istima, li saret mill-Perita Mariella Xuereb, għax-xogħol kollu telgħet għal madwar €82,000. Pero' mingħand is-Segretarjat ser nieħdu €80,000 biex isiru x-xogħlijiet meħtieġa. Huwa qal ukoll li rċieva l-ewwel *draft* tal-kuntratt mingħand is-Sur Mark Musu', Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Familja u Solidarjeta' Soċjali għan-nom tas-Segretarjat Parlamentari għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilita' u Anzjanita'. Is-Sur Formosa qara l-kuntratt lill-membri preżenti. Il-Kunsill qabel mal-kontenut tal-kuntratt.

Is-Sur Noel Formosa qal li l-Perita Xuereb ssuġġerit żewġ għażliet ta' kif jista' jsir ir-*railing.* L-ewwel waħda li r-*railing* isir b'ħadid iggalvanizzat u t-tieni jsir ta' materjal ta' plastik qisu njam. Wara diskussjoni mill-membri tal-Kunsill ġie deċiż li r-*railing* isir iggalvanizzat għal diversi raġuni fosthom li l-materjal ta' plastik qisu njam ma nafux kemm jista' jservi u anke' bil-ħadid tista' faċilment toħloq disinn u hekk ir-*railing* isir b'dehra isbaħ.

2.6 (2.7) Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa qal li l-ikla tal-anzjani marret tajjeb ħafna. Il-grupp tal-Folk offrew ikla bnina li l-anzjani ħadu gost biha. Rigward l-attivita' li jmiss ġie deċiż li ssir ħarġa kulturali għal kulħadd bejn il-Milied u l-Ewwel tas-Sena.

2.7 (3.1) Rigward il-*press conference* fiċ-ċentru ta' informazzjoni fid-Dwejra u li għaliha kien se jiġi mistieden l-Onorevoli Ian Borġ, is-Sindku s-Sur Noel Formosa qal li din ġiet posposta peress li bħalissa s-Segretarju Parlamentari jinsab impenjat bis-*summit* internazzjonali u biċ-CHOGM li ser isiru f'Malta. Intqal li tajjeb li kieku titħalla għal Jannar biex hekk din l-attivita' ma tintilifx fl-attivitajiet l-oħra tal-Milied.

2.8 (3.2) Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa nforma lill-membri tal-Kunsill li l-labra bil-vaċċin kontra l-influwenza ser tingħata nhar it-Tnejn, 9 ta' Novembru, 2015. Se tingħata mis-Sinjura Lorenza Grima u sar qbil li titħallas €30 tas-servizz.

2.9 (6.1) Rigward it-tiżjin tal-Milied, is-Sindku staqsa x'*budget* lest li jonfoq il-Kunsill fuq din l-attivita'. Sar qbil li għal din is-sena jintefqu bejn €1,000 u €1,500. Imma sadanittant se nqabbdu lill-membri tal-għaqda tal-armar biex jaraw xi spejjeż jista' jkun hemm jekk jiġi rrranġat l-armar eżistenti.

SAN LAWRENZ

2.10 (8.1) Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa qal li wara t-talba li għamel lil Transport Malta biex jinbiddlu l-ħinijiet tar-rotot tal-linja, wegħduh li se jinbidlu imma s'issa għadu ma sar xejn. Il-Kunsillier, is-Sur Franco Buhagiar qal li l-Bus Stop fi Dwejra nbiddlet kif kien miftiehem. Issa li jonqos hu li tinżebaħ il-kaxxa fl-art.

2.11 (8.3) Il-Kunsillier, is-Sur Franco Buhagiar qal li tajjeb li naħsbu fi proġett biex meta nistiednu lill-Onorevoli Edward Scicluna jkun jista' jiġi propost lilu waqt din il-laqgħa.

2.12 (8.5) Rigward l-*bollards* tal-Pjazza ġie kkuntattjat is-Sur Joe Grima sabiex jagħmel toqob madwar il-*bollards* tal-pjazza biex l-ilma jibqa' nieżel u ma jżommx mat-tarf t'isfel tal-*bollards* b'konsegwenza li ssirilhom il-ħsara. Il-Kunsillier, is-Sur Franco Buhagiar reġa' semma r-*railing* ta' fejn iċ-Ċentru Parrokkjali sabiex isir kemm jista' jkun malajr qabel iweġġa' xi ħadd. Ġie deċiż li nkellmu lil Xerri Garden Centre sabiex jipprovdi *railing* li jkun jaqbel mal-*bollards* li saru fil-Pjazza.

2.13 (8.6) Dwar il-*parking* organizzat f'Daħlet il-Ġnien, is-Sur Noel Formosa qal li peress li hemm bini għadu qed jinbena f'din it-triq, l-aħjar nistennew li ssir il-bankina biex imbagħad il-*parking* jitmexxa mal-bankina. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suġġeriment.

**3.0 Korrispondenza**

3.1 Ittra mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Josephine Sultana fejn infurmat lill-Kunsill li minħabba raġunijiet personali se jkollha tirreżenja mill-kariga tagħha ta' Aġent Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa rringrazzja lis-Sinjura Sultana tax-xogħol li għamlet kemm damet tokkupa din il-kariga.

Sadanittant is-Sur Noel Formosa, wara li talab il-parir tal-Viċi Sindku u l-Kunsilliera, talab lis-Sinjura Lucienne Haber sabiex sakemm jinstab Segretarju Eżekuttiv, tokkupa l-kariga ta' Aġent Segretarju Eżekuttiv. Is-Sinjura Haber infurmat lill-Kunsill permezz ta' *e-mail* li qed taċċetta din il-kariga. Għalhekk ser isiru l-arranġamenti meħtieġa mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex is-Sinjura Haber tinħatar Aġent Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' San Lawrenz mill-aktar fis possibbli.

3.2 *E-mail* mingħand l-Onorevoli Dr Chris Said, *Shadow Minister* għal Għawdex fejn talab li jiltaqa' mal-Kunsill Lokali San Lawrenz. Il-Kunsill qabel li niltaqgħu ma' Dr Said u għalhekk l-Aġent Segretaju Eżekuttiv ser tieħu ġsieb li jsir appuntament qabel id-data tal-laqgħa li jmiss.

3.3 *Memo* 30/2015 mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali li jitratta l-iskema dwar inizjattivi ta' attivitajiet kulturali għas-sena 2016. Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa ppropona tlett attivitajiet li nistgħu napplikaw fuqhom, li huma s-suq fil-beraħ li ser isir f'Mejju, il-festival fi żmien il-festa tar-raħal u l-*pageant* li jsir fi żmien il-Milied.

Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u għalhekk se napplikaw fuq dawn it-tlett attivitajiet prinċipali.

3.4 Ittra mingħand is-Sinjura Jacquline Y. Rose dwar diversi problemi tat-traffiku fi Triq San Lawrenz. Peress li din it-triq hija arterja u hija responsabbilta' ta-Gvern Ċentrali, ġie deċiż li nibgħatu kopja ta' din l-ittra lil Transport Malta u lill-Pulizija.

3.5 Ittra mingħand il-Moviment Keygma fejn infurmawna li għal sena oħra qed jorganizzaw 'Il-Premju Żagħżugħ tas-Sena' bil-għan li joħroġ fil-beraħ l-impenn taż-żgħażagħ b'mod nisrani fis-soċjeta' Maltija.

## 4.0 Kwistjoni tal-Iskart fi Triq it-Torri u toroq oħrajn

4.1 Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa qal li għad fadal ħafna lmenti fuq l-skart f'din it-triq. Huwa qal li stieden lir-residenti li joqgħodu fi Triq it-Torri għal din il-laqgħa sabiex min irid jiġi u jisma' d-diskussjoni dwar din il-kwistjoni. Punt li qed iwassal għal din il-problema huma l-*Bring-in-Sites* li hemm f'din it-triq. Qed jitħalla skart barra mill-*bins* u li mhux riċiklabbli. Barra minn hekk, is-Sur Formosa għarraf lill-Kunsill li rċevejna korrispondenza mill-kumpanija Green.mt fejn qalulna li mhux se jibqgħu jbattlu l-*bins* tal-*Bring in Sites.* Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li l-*Bring in Sites* li hemm fi Triq it-Torri jitneħħew u minflok issir tabella li l-iskart separat li jinkludi metal, karta u plastik jinġabar kull nhar ta' Tlieta u l-ħġieġ jinġabar kull l-ewwel ħamis tax-xahar minn quddiem kull residenza. Dwar l-*underground bring in sites* se niċċekkjaw eżatt jekk hux se jibqgħu jitbattlu u jekk le x'jista' jsir.

Punt ieħor li qed jikkawża din il-problema huwa li xi residenti qed joħorġu l-iskart mill-ġurnata ta' qabel fejn hemm il-ganċijiet li jista' jiddendel l-iskart magħhom, ma jibqax wisa' u għalhekk ipoġġu l-iskart fl-art u hekk qed jinħolqu miżbliet żgħar. L-istess boroż ikunu faċilment jintlaħqu mill-klieb u l-qtates li qed iqattgħuhom b'konsegwenza li l-iskart jinfirex mat-triq kollha. Il-Kunsill iddiskuta fit-tul is-soluzzjoni għal din il-problema u ġie deċiż li jitneħħew il-ganċijiet biex ma jkunx hemm lok li jinħareġ skart kmieni għax ma jkunx hemm fejn idendluh. Jistgħu jinxtraw *bins* u fejn hemm blokk ta' *flats,* għal min irid, jitpoġġa wieħed 'il ġewwa mill-bieb prinċipali u imbagħad jinħareġ mir-residenti stess x'ħin jasal il-ħin tal-ġbir. U minn naħa l-oħra min irid il-ganċijiet jagħmel wieħed mal-faċċata tiegħu. Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa se jkellem lis-Sur Daniel Galea f'isem ir-residenti ta' din it-triq biex jinfurmah b'din id-deċiżjoni.

Ġie ssuġġerit li f'din it-triq, jiġifieri Triq it-Torri, isiru *double yellow lines*, faċċata ta' fejn hemm il-*flats* u fil-kantuniera. Se ngħaddu din it-talba lil Transport Malta.

Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa se jressaq talba lill-Ministru għal Għawdex sabiex jitranġa l-ħajt li hemm f'din it-triq u possibilment titwessa' t-triq.

## 5.0 Devoluzzjoni Ċentru Ċiviku

5.1 Intbagħtet *e-mail* mis-Sur Cleavon Vella mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn intalbet informazzjoni dwar id-devoluzzjoni biex jinbena ċ-Ċentru Ċiviku fil-ħofra fil-grawnd tal-iskola. Fost l-informazzjoni mitluba kien hemm biex jintbagħat *updated balance sheet* sal-aħħar ta' Settembru li għadda li turi kull *committment* li għandu l-Kunsill u anke' ta' kif u minn fejn ser jagħmel tajjeb finanzjarjament għall-ispiża tal-bini ta' dan iċ-ċentru.

Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa qal li huwa jaf persuna li tista' tgħinna biex jinġabu fondi mill-EU għal dan l-iskop. Ġie deċiż li ssir laqgħa mas-Sinjura Gabby Mallia sabiex naraw x'possibiltajiet hemm biex jinġabu fondi għal dan il-għan. Il-Kunsillier, is-Sur Franco Buhagiar qabel li dan il-Kunsill għandu jagħti spinta lil dan iċ-Ċentru Ċiviku peress li huwa ta' importanza kbira għal dan ir-raħal.

## 6.0 *Bring in Sites*

6.1 Dan il-punt ġie diskuss fil-punt 4.0 ta' dawn il-minuti.

## 7.0 Punti pendenti fl-*Information Centre*

7.1 Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa, qara l-minuti tal-laqgħa li saret mas-Sur Godwin Cassar, sid ir-*restaurant* Azure. Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm is-Sindku, is-Sur Noel Formosa li mexxa din il-laqgħa u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Josephine Sultana u s-Sur Godwin Cassar.

**<u>Parti mill-minuti ta' din il-laqgħa:</u>**

Il-Kunsill Lokali kien talab biex jiltaqa' mas-Sur Godwin Cassar f'Mejju li għadda. Pero' minħabba l-impenji li għandu bir-*restaurant,* is-Sur Cassar talab li dan l-appuntament jiġi pospost għal Ottubru.

Peress li l-*Information Centre* tad-Dwejra jinsab fis-sular ta' taħt l-istabbiliment *Azure*, il-Kunsill xtaq jiddiskuti xi punti mas-Sur Cassar biex fost l-oħrajn f'dan iċ-Ċentru jkun hemm *toilet* li jkun jista' jintuża mill-*attendant* taċ-ċentru, li jitwaħħal il-mutur tal-*air condition* u punti oħrajn.

Rigward it-*toilet* is-Sur Cassar għamel il-proposta tiegħu fejn jista' jsir it-*toilet* għaċ-ċentru (ara pjanta annessa) u bibien li jeżistu bejn il-proprjeta' tiegħu u ċ-ċentru ta' informazzjoni jingħalqu biex hekk bejn ir-*restaurant* u ċ-ċentru ma jkun hemm l-ebda bieb imma ħitan biss. Hekk kull proprjeta' tkun għaliha u ħadd ma jkollu x'jaqsam ma' ħadd. Is-Sur Cassar qal ukoll li d-drenaġġ jista' jiġi kkumnikat mal-fossa tiegħu. Biex isir dan kollu hemm bżonn xogħol ta' kostruzzjoni kemm biex jinbnew il-ħitan li hemm bżonn, kif ukoll biex jinbidel il-madum li se jinqala' biex jiġi kkumnikat id-drenaġġ tat-*toilet* taċ-Ċentru mal-fossa eżistenti, jiġifieri dik li qed tintuża mir-*restaurant*. Is-Sur Cassar talab biex dan ix-xogħol isir minn naħa tal-Kunsill Lokali. Kien hemm qbil li kemm-il darba l-ispejjeż ta' dawn ix-

xogħlijiet isiru mill-Kunsill, is-Sur Cassar qatt mhu ser jitlob ebda kumpens biex tkun tista' titbattal jew issir il-manutenzjoni tal-fossa tad-drenaġġ tat-*toilet* taċ-Ċentru li se tkun l-istess fossa tar-*restaurant.* Ġie ċċarat il-punt li dan it-*toilet* ser jintuża mill-*attendant* biss. Il-pubbliku inġenerali jista' juża t-*toilets* pubbliċi li hemm fil-Pjazza tad-Dwejra.

Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa nforma lis-Sur Cassar li peress li hemm spejjeż involuti, ma jistax jagħtih kelma hu, imma din il-proposta trid tgħaddi mil-laqgħa tal-Kunsill. Is-Sur Formosa nfurmah li l-laqgħa tal-Kunsill ser tkun fit-3 ta' Novembru u dak inhar ikun jista' jingħata risposta.

Is-Sur Cassar qal li huwa se jagħmel xi xogħlijiet ta' rinnovazzjoni bejn id-9 u t-13 ta' Novembru. Għalhekk tajjeb li kieku dawn ix-xogħlijiet isiru dak inhar ukoll.

Is-Sur Cassar qabel ukoll li l-mutur tal-*air condition* li hemm fiċ-ċentru jista' jitwaħħal fuq il-bejt tar-*restaurant.*

Is-Sur Noel Formosa ssuġġerixxa xi tibdil fil-faċċata taċ-Ċentru biex isir aktar attreanti u jiġbed aktar nies. Is-Sur Cassar issuġġerixxa li għandu jsir xi tip ta' *embellishment* quddiem id-daħla taċ-Ċentru u quddiem l-entratura li għandu tal-kċina. Ġie deċiż li dawn il-punti jiġu diskussi fil-futur biex jiġu żviluppati dawn l-ideat għal dehra aħjar u isbaħ tal-ambjent ta' madwar iċ-ċentru ta' informazzjoni u r-*restaurant.*

Saret diskussjoni mill-membri tal-Kunsill dwar il-punti li ġew diskussi f'din il-laqgħa. Kien hemm qbil mal-kontenut kollu kif diskuss f'din il-laqgħa. Ġie deċiż li jinstab kuntrattur sabiex jagħmel ix-xogħol meħtieġ ta' kostruzzjoni. Il-kunsill qabel ukoll li jħallas għal madum li se jkollu jinqala' biex jiġi mgħoddi d-drenaġġ. Se nikkuntattjaw lill-Kumpanija Solar Engineering sabiex twaħħal il-mutur tal-*air condition.* Ser issir enfasi biex qabel jitwaħħal jingħata *spray* tajjeb kontra s-sadid.

Ġie deċiż ukoll li ngħaddu kopja tal-minuti tal-laqgħa li saret mas-Sur Cassar lis-Sur Cassar stess għall-informazzjoni tiegħu u biex jiffirma l-kontenut tal-istess laqgħa.

## 8.0 Attivita' fl-okkażjoni tal-*European Waste Reduction Week*

8.1 Il-Kunsill iddeċieda li bħala attivita' għal din il-ġimgħa ser jorganizza ġbir ta' ħwejjeġ użati, kotba wżati u ġugarelli. F'każ ta' kotba u ġugarelli f'kundizzjoni tajba, dawn jistgħu jintużaw għal-librerija u għaċ-*Child Care Centre.* Il-ħwejjeġ li jinġabru u li jkunu tajbin se jingħataw lill-persuni fil-bżonn. Ser isir avviż lir-residenti tal-lokalita'.

## 9.0 Materji Oħra

9.1 Ilment dwar mera fil-bidu ta' Triq it-Torri li qed taħbi l-isem tat-triq. Ġie deċiż li ngħidu lis-Sur Mark Fiteni u lis-Sur Victor Formosa sabiex iressqu l-isem tat-triq fejn ikun jista' jidher aktar.

9.2 Talba mingħand is-Sur Edward Grima li joqgħod Kristu Re, Triq il-Ġebla tal-Ġeneral, biex issir bankina ġdida mar-residenza tiegħu. Ser ngħaddu din it-talba lid-Diprtiment tax-Xogħlijiet peress li hi bankina ġdida.

9.3 Talba mingħand is-Sur Joseph Cauchi ta' Mikelin, Triq il-Wileġ, fejn qed jitlob bankina għal ma' residenza ġdida tiegħu fi Triq id-Duluri. Ser ngħaddu din it-talba lid-Diprtiment tax-Xogħlijiet peress li hi bankina ġdida.

9.4 Talba mingħand il-*carers* taċ-*Child Care Centre* fejn qed jitolbu biex isir bieb kollu ħġieġ biex jitwaħħal qabel il-bieb prinċipali tal-*premises.* Huma talbu wkoll biex tinxtara mejda tal-*plastic* biex tintuża mit-tfal. Il-Kunsill qabel unanimament li l-bieb isir u li tinxtara l-mejda.

9.5 Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa qal li sid id-dar ta' fejn hemm is-*security camera* ta' fuq il-*bring in site* talab aktar flus – flok €75 talab €100. Wara diskussjoni ġie deċiż li din il-*camera* tibqa' mwaħħla sa Marzu li ġej, nagħtu €100 lil sid id-dar u imbagħad tinqala'.

9.6 Il-Viċi-Sindku, is-Sur Anthony Formosa qal li hemm bżonn tinżebaħ iż-*zebra crossing* tal-pjazza. Ser nagħmlu talba lil Transport Malta għall-approvazzjoni.

9.7 L-Aġent Segretaju Eżekuttiv qalet li l-*Assistant Principal* is-Sinjura Carmen Micallef, peress li qegħda tkun weħidha fl-uffiċċju, qed taħdem sigħat aktar milli suppost taħdem b'konsegwenza li għandha 172 *Vacation Leave* li għadha ma ħaditx u li għandha 133 siegħa *time off.* Ġie deċiż li l-Kunsill jibda jagħlaq fit-3.00 pm flok 4.00 pm sakemm ikun hawn Segretarju Eżekuttiv *full time.* U rigward il-*Vacation Leave* u t-*Time Off* li għandha s-Sinjura Micallef, tinżamm nota tagħhom u jibqgħu jiżdiedu ma' tas-sena 2016.

SAN LAWRENZ

## 10.0 Approvazzjoni ta' pagamenti

9.1 Il-Kunsill approva unaniment il-pagamenti annessi ma' dawn il-minuti wara li nqraw waqt il-laqgħa.

## 10.0 Għeluq u data għal-laqgħa oħra

Il-laqgħa spiċċat fil-5.30 pm. Ġie deċiż li laqgħa oħra ssir nhar il-Ġimgħa 11 ta' Diċembru, 2015 fl-4.30 pm.

*Noel Formosa*
*Sindku*

*Josephine Sultana*
*Aġent Segretarju Eżekuttiv*